DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1733

tat-23 ta' Settembru 2021

dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE fir-rigward tal-emendar tal-Protokoll 30 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika u tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, annessi mal-Ftehim ŻEE (Programm tas-Suq Uniku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 168(4)(b) u l-Artikoli 173 u 338, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2894/94 tat-28 ta' Novembru 1994 dwar l-arranġamenti għall-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ([2]) (il-"Ftehim ŻEE") daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1994.

(2) Taħt l-Artikolu 98 tal-Ftehim ŻEE, il-Kumitat Konġunt taż-ŻEE jista' jiddeċiedi li jemenda, fost l-oħrajn, il-Protokoll 30 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika (il-"Protokoll 30") u l-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet (il-"Protokoll 31"), annessi mal-Ftehim ŻEE.

(3) Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim ŻEE.

(4) Jenħtieġ għalhekk li l-Protokoll 30 u l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jiġu emendati skont dan.

(5) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Kumitat Konġunt taż-ŻEE dwar l-emendar propost tal-Protokoll 30 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-organizzazzjoni tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-istatistika u tal-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet, annessi mal-Ftehim ŻEE, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE ([4]).

([1]) ĠU L 305, 30.11.1994, p. 6.
([2]) ĠU L 1, 3.1.1994, p. 3.
([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/690 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi programm għas-suq intern, għall-kompetittività tal-intrapriżi, inkluż l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, għall-qasam tal-pjanti, l-annimali, l-ikel u l-għalf, u għall-istatistika Ewropea (Programm tas-Suq Uniku) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 99/2013, (UE) Nru 1287/2013, (UE) Nru 254/2014 u (UE) Nru 652/2014 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 1).
([4]) Ara d-dokument ST 11225/21 hawnhekk: http://register.consilium.europa.eu

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2021.

F'isem il-Kunsill
Il-President
G. DOVŽAN